IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2016
COM(2016) 497 final

2016/0245 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil Stat Membru biex jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, biex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jippreveni ċertu forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2016, il-Polonja talbet estensjoni tad-deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT biex tkun tista' tkompli tirrestrinġi d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa fuq in-nefqa marbuta ma' ċertu vetturi bil-mutur. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Polonja b'ittra datata s-6 ta' Ġunju 2016. B'ittra datata t-8 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba tagħha.

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovut minn fuq ix-xiri li jsir għall-finijiet ta' tranżazzjonijiet intaxxati. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva jeħtieġ li l-użu ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-assi ta' negozju għal skopijiet privati jkun provvista ta' servizzi li jitqiesu jekk il-VAT fuq l-oġġetti kien eliġibbli għal tnaqqis.

Din is-sistema taħseb għall-irkupru tal-VAT li tnaqqas fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' vetturi bil-mutur, din is-sistema jaf tkun diffiċli biex tiġi applikata minħabba diversi raġunijiet, l-aktar għax mhux faċli li ssir distinzjoni preċiża bejn l-użu għal negozju u l-użu li mhux għal negozju. Meta jinżamm reġistru, dan ikun piż żejjed għan-negozju u għall-amministrazzjoni, minħabba ż-żamma u l-verifika tiegħu. Minħabba l-għadd ta' vetturi kkonċernati, jekk issir evażjoni individwali fuq skala żgħira, din saħansitra tista' tilħaq ammonti ġmielhom.

Il-limitu fil-persentaġġ mitlub hu 50%. Dan jissejjes fuq il-valutazzjoni tal-Polonja stess u, skont il-kundizzjonijiet tal-proposta, dan jerġa' jiġi eżaminat meta l-Polonja titlob estensjoni għal wara l-2019.

Abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE[1], bħalissa l-Polonja hi awtorizzata tillimita għal 50% id-dritt għal tnaqqis tal-VAT dovuta fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjonijiet, il-kiri jew il-kiri fit-tul jew ftehimiet oħrajn ta'natura simili li għandhom x'jaqsmu ma' ċertu vetturi bil-mutur minbarra l-karozzi tal-passiġġieri, sa ammont massimu ta' PLN 6 000. Din id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.

Il-Polonja għarrfet li r-raġunijiet għal din it-talba għal deroga ma nbidlux u huma simili għar-raġunijiet mogħtija fit-talba preċedenti. It-talba għal deroga hija kontinwazzjoni tal-arranġamenti previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija.

Din ir-restrizzjoni tapplika biss għall-vetturi bil-mutur li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' negozju u għan-nefqa relatata ma' dawn il-vetturi.

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 51).

Parzjalment, din id-deroga tinvolvi wkoll r-restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis ta' 50% tal-VAT tal-input imħallsa fuq ix-xiri tal-fjuwil għall-vetturi bil-mutur li jaqgħu f'din id-deroga u l-ispejjeż l-oħra operattivi, inkluż it-tiswija u l-manutenzjoni ta' dawn il-vetturi, u n-nefqa fuq il-provvisti jew is-servizzi mogħtija b'rabta ma' dawn il-vetturi u l-użu tagħhom, inkluż in-nefqa għal alterazzjonijiet jew għall-assemblaġġ ta' partijiet f'dawn il-vetturi (ħlief in-nefqa għal alterazzjonijiet jew għall-assemblaġġ ta' partijiet f'dawk il-vetturi li jintużaw biss għal skopijiet ta' negozju, bħal pereżempju l-assemblaġġ ta' arloġġ tat-taxi).

Il-Polonja tindika li minħabba d-disinn tagħhom, il-vetturi bil-mutur li jaqgħu f'din id-deroga jistgħu jintużaw faċilment ukoll għal skopijiet li mhumiex ta' negozju.

Ċertu tipi ta' vetturi bil-mutur huma eskluži minn din ir-restrizzjoni u għalhekk huma soġġetti għar-regoli normali; notevolment dawk il-vetturi b'aktar minn disa'(9) sits (inkluż is-sit tas-sewwieq) u b'piż massimu totali li jaqbeż it-3 500 kg. Din il-kundizzjoni tirrestringi l-kamp ta' applikazzjoni għall-karozzi tal-passiġġieri, għall-vannijiet, għall-pick-ups u għall-muturi. Id-deroga ma taffettwax lanqas lill-vetturi maħsuba esklussivament biex jerġgħu jinbiegħu jew li jkunu disponibbli għall-użu biex jitqiesu għal kuntratt ta' kiri jew ta' kiri fit-tul jew għal kuntratti oħra ta' natura simili jew lill-vetturi mfassla għall-ġarr ta' mill-anqas għaxar persuni inkluż is-sewwieq.

Il-Polonja talbet il-permess biex sal-31 ta' Diċembru 2019 tkompli tirrestringi t-tnaqqis inizjali għal persentaġġ stabbilit, u b'hekk in-negozji ma jkunux obbligati jiddikjaraw il-VAT fuq l-użu privat. B'din id-deroga jitneħħa l-bżonn li jinżamm reġistru privat dettaljat bil-kilometraġġ għal kull karozza u li tiġi ddikjarata l-VAT fuq l-użu privat. Għalhekk essenzjalment id-deroga għandha titqies bħala miżura ta' simplifikazzjoni. Din għandha l-vantaġġ li se tissimplifika s-sistema għal dawk kollha kkonċernati, filwaqt li tiżgura li jingħabar persentaġġ tat-taxxa, minflok issir evażjoni tagħha.

Mill-informazzjoni li tat il-Polonja, jidher li l-medja ta' użu għal negozju tal-karozzi tal-kumpanija għal użu mħallat għadha madwar 50%. Għalhekk jidher li l-estensjoni mitluba hija ġustifikata. Normalment, id-derogi jingħataw għal żmien limitat bil-għan li jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali tkunx xierqa u effettiva. Għalhekk kull estensjoni għandha tkun limitata fiż-żmien ħalli jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet, li fuqhom tkun issejset id-deroga, ikunx għadhom validi.

Għaldaqstant qed jiġi propost li din it-talba tintlaqa' sal-31 ta' Diċembru 2019 u li l-Polonja tintalab tressaq rapport sal-1 ta' April 2019 li jkun fih rieżami tar-restrizzjoni tal-persentaġġ applikata f'każ li jkun hemm il-ħsieb li tingħata estensjoni oħra għal wara l-2019.

Ħlief b'mod insinifikanti, id-deroga ma taffettwax l-ammont globali tad-dħul tat-taxxa tal-Istat Membru li jingħabar fl-istadju tal-konsum finali.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Skont l-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kunsill għandu jistabbilixxi n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, l-Istati Membri huma awtorizzati jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' "status quo" li jillimitaw id-dritt għal tnaqqis marbut mal-vetturi bil-mutur.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonthom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis[2], din id-deroga hija xierqa fl-istennija tal-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru b'talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Billi l-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga huwa limitat, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan maħsub, jiġifieri l-prevenzjoni ta' ċertu forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux adattati għal din ir-r-raġuni:

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, id-deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' ssir biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-aktar strument xieraq huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għax din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba tal-Polonja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn kompetenza esterna.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tfasslet biex tiġġieled l-evażjoni tal-VAT u biex tissimplifika l-proċedura ta' impożizzjoni tat-taxxa, u għaldaqstant għandha impatt potenzjalment pożittiv fuq in-negozji

[2] KUMM (2004) 728 finali - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 , 21. 05. 2014, p. 3)

kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet. Il-Polonja tqis din il-miżura bħala miżura adegwata, u hija komparabbli għal derogi oħrajn tal-imgħoddi u tal-lum.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; terminu preskrittiv awtomatiku li huwa stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2019.

Fil-każ li l-Polonja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2019, għandu jitressaq rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għall-estensjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019.

2016/0245 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxi d-dritt ta' persuna taxxabbli għal tnaqqis tal-VAT imposta fuq il-provvisti ta' merkanzija u servizzi li tkun irċeviet għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva fih rekwiżit li tiġi ddikjarata l-VAT meta xi assi ta' negozju jintuża għal skopijiet privati tal-persuna taxxabbli jew tal-persunal tagħha jew, b'mod iktar ġenerali, meta jintuża għal skopijiet mhux marbuta man-negozju tagħha.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE[4] tawtorizza lill-Polonja biex sal-31 ta' Diċembru 2016 tirrestrinġi d-dritt għal tnaqqis tal-VAT imposta fuq ix-xiri, il-kiri jew il-kiri fit-tul ta' ċerti vetturi tat-triq motorizzati u fuq in-nefqa marbuta magħhom u biex il-persuna taxxabbli teħles mill-obbligu li tiddikjara l-VAT fuq l-użu tal-vetturi koperti minn din ir-restrizzjoni li mhux għal negozju.

(3) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2016, il-Polonja talbet li tingħata l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżuri speċjali li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti vetturi tat-triq motorizzati u man-nefqa marbuta magħhom, bħala deroga mid-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw id-dritt ta' persuna taxxabbli li tnaqqas il-VAT imħallsa fuq ix-xiri ta' merkanzija u servizzi u mid-dispożizzjonijiet li jeżiġu li ssir id-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq l-assi tan-negozju li ma jintużawx għal skopijiet ta' negozju.

(4) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li għamlet il-Polonja bl-ittra datata s-6 ta' Ġunju 2016. B'ittra datata t-8 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba tagħha.

---

[3] ĠU L 347, 11.12.2006 , p. 1.

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 51).

(5) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2013/805/UE, mat-talba għall-estensjoni, il-Polonja ressqet rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni li jinkludi rieżami tar-restrizzjoni tal-persentaġġ applikat fuq id-dritt għal tnaqqis. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, il-Polonja jidhrilha li r-rata ta' 50% hija ġustifikabbli. Fl-istess ħin, biex tkun evitata t-taxxa doppja, għandu jiġi sospiż ir-rekwiżit li tiġi ddikjarata l-VAT imposta fuq l-użu ta' vettura bil-mutur li mhux għal negozju, meta din tkun ġiet soġġetta għal din ir-restrizzjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ġġustifikati mill-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-impożizzjoni tal-VAT u li tiġi evitata l-evażjoni tat-taxxa b'żamma skorretta ta' rekords u dikjarazzjonijiet foloz tat-taxxa.

(6) Ċerti tipi ta' vetturi bil-mutur għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri speċjali, għax minħabba n-natura tagħhom jew it-tip ta' negozju li għalih jintużaw, l-użu li mhux għal negozju hu meqjus negliġibbli. Għaldaqstant, il-miżuri speċjali ma għandhomx japplikaw għall-vetturi b'iktar minn 9 sits (inkluż dak tas-sewwieq) u b'piż massimu totali li jaqbeż it-3 500 kilogramma. Barra minn hekk, ir-restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis ma tapplikax għall-VAT imposta fuq nefqa li tkun relatata għalkollox man-negozju ta' persuna taxxabbli.

(7) Ir-restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis skont il-miżuri speċjali għandha tapplika għall-VAT imħallsa fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew il-kiri fit-tul ta' vetturi tat-triq motorizzati speċifikati u fuq in-nefqa marbuta magħhom, inkluż ix-xiri tal-fjuwil.

(8) L-estensjoni ta' dawn il-miżuri ta' deroga għandu jkollhom limitu taż-żmien biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-effettività tagħhom u tal-persentaġġi xierqa; għalhekk il-Polonja għandha l-awtorizzazzjoni biex tapplika l-miżura għal perjodu limitat, sal-31 ta' Diċembru 2019.

(9) Meta l-Polonja jidhrilha li jkun hemm bżonn estensjoni oħra tal-miżuri ta' deroga għal wara l-2019, mat-talba għall-estensjoni din għandha tressaq rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni li jkun jinkludi rieżami tar-restrizzjoni tal-persentaġġ applikat, sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019.

(10) Id-deroga se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tat-taxxa miġbura fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effetti negattivi fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea li jakkumulaw mill-VAT.

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Din id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.

2. Kull talba għall-estensjoni tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandha ssir lill-Kummissjoni sal-1 ta' April 2019. Din it-talba għandu jkollha magħha rapport li jkun fih

rieżami tar-restrizzjoni tal-persentaġġ applikat fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President